**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Erbgħa, 2 ta' Ottubru 2019**

**Talba Numru 158/2019SFJ**

***Vodafone Malta Limited (C10865)***

***vs.***

***Joseph Gauci Dion (61692M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

> *"Is-soċjetà attriċi titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jordna u jikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' elf u erba' mija u għoxrin Ewro u sitt ċenteżmi (€1,420.06) rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont numru 1.1101788 fuq talba u a benefiċċju tal-intimat u dan kif jirriżulta mill-fattura li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u immarkata "Dok. X1".*
>
> *Illi dan il-kreditu qiegħed jiġi ikkonfermat mir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi u dan kif jirriżulta mill-affidavit hawn anness u immarkat "Dok. X2".*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.”*

Ra s-segwenti dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba:

- Kopja ta’ fattura li tappartjeni l-*customer code* 1.11017880 u bl-isem tal-intimat, liema fattura tindika bħala ammont dovut lis-soċjetà attriċi l-istess ammont indikat fl-Avviż tat-Talba (dokument X1); u

- Affidavit tal-Avv. Jeremy Debono li jikkonferma li l-ammont pretiż permezz tal-Avviż tat-Talba huwa fil-fatt dovut lis-soċjetà attriċi (dokument X2).

Ra li l-konvenut ġie innotifikat bl-Avviż tat-Talba nhar il-15 ta’ Lulju 2019 kif jidher minn riferta datata 19 ta’ Lulju 2019.

Ra li fl-udjenza tat-18 ta’ Settembru 2019 dehret biss l-avukat difensur tas-soċjetà attriċi. Fl-udjenza, it-Tribunal osserva li l-konvenut kien ġie innotifikat nhar il-15 ta’ Lulju 2019 u sad-data tal-udjenza, kien skada ż-żmien għar-Risposta.

Ra li l-konvenut la ppreżenta Risposta u lanqas għamel xi sottomissjoni kwalsiasi.

Ra l-kapitolu ippreżentat mis-soċjetà attriċi fl-udjenza tat-18 ta’ Settembru 2019.

Ra li fl-udjenza tat-2 ta’ Ottubru 2019, il-konvenut reġa’ ma deherx.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa’ kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta’ jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta’ Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma’ kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta’ min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim’ Awla fil-31 ta’ Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim’ Awla fit-12 ta’ Lulju 2001).

Ra li permezz tal-affidavit anness mal-Avviż tat-Talba, is-soċjetà attriċi ippruvat it-talba tagħha.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf u erba' mija u għoxrin Ewro u sitt ċenteżmi (€1,420.06) kif mitlub fl-Avviż tat-Talba, bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**